| MINISTERU TAL-FINANZI | MINISTRY OF FINANCE |
|---|---|
| **Għotja ta' Darba Fuq Xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* għall-Użu Domestiku** | **A Once-Only Grant on the Purchase of Solar Heating Energy Savers for Domestic Use.** |
| 1. SKOND id-dispożizzjoni tal-paragrafu 9 ta' l-Avviż tal-Gvern numru 203, SKEMA B – *Solar Heating Energy Savers*, li deher fil-ħarġa tal-gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Marzu tas-sena 2005, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed jemenda paragrafu 5 ta' dan l-avviż kif ġej:- | 1. IN accordance with the provisions of paragraph 9 of Government Notice number 203, SCHEME B – Solar Heating Energy Savers, which was published in the Government Gazette of the 1 March 2005, the Prime Minister and Minister of Justice is hereby amending paragraph 5 of such a Government Notice as follows: |
| Biex il-Gvern ikompli jinkoraġġixxi aktar l-użu ta' *Solar Heating Energy Savers* għall-użu domestiku l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed jgħolli r-rifużjoni fuq dawn il-prodotti għal 25% tal-valur tax-xiri tal-prodott sa massimu ta' mitt lira Maltija (Lm100/€232.94). Dan id-dibdil fuq ir-rifużjoni japplika biss fuq dawk is-*Solar Heating Energy Savers* li jinxtraw fl-1 ta' Jannar 2006 jew wara. | In order to further encourage the use of Solar Heating Energy Savers for domestic use, the Prime Minister and Minister of Finance is increasing the grant to 25% of the purchase price of the solar heating energy saver, subject to a maximum of one hundred Maltese Liri (Lm100/€232.94). This increase in the grant applies only to those Solar Heating Energy Savers purchased on the 1 January 2006, or afterwards. |
| 2. Ngħarrfu wkoll li s-*Solar Heating Energy Savers* għandhom jiġu stallati biss skond il-linji ta' gwida rigward il-kontroll tal-iżvilupp imposti mill-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent u L-Ippjanar (MEPA). F'każ ta' nuqqas ta' osservazzjoni ta' dawn ir-regolamenti l-Ministeru tal-Finanzi jirriserva d-dritt li tittieħed lura l-għotja kollha li tkun ingħatat. | 2. It is hereby also being notified that the Solar Heating Energy Savers should be installed strictly as per Malta Environment And Planning Authority (MEPA) development control guidelines. The Ministry of Finance reserves the right to cause the forfeiture of the grant if such regulations are not adhered to. |
| 3. It-tifsir u l-kundizjonijiet kollha li kienu dehru fl-Avviż tal-Gvern numru 203 taħt SKEMA B għadhom fis-seħħ, għajr it-tibdil imsemmi f'paragrafi 1 u 2 hawn fuq. | 3. Except for the amendments referred to in paragraph 1 and 2 above, the provisions of Government Notice number 203 under Scheme B shall continue to apply |